2025/319

12.2.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/319

tal-11 ta' Frar 2025

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta' Jannar 2023 dwar Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/162, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA), inkluż id-deċiżjoni biex jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fit-13 ta' Frar 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/604 ([2]) li testendi l-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMA mill-21 ta' Frar 2024 sad-19 ta' Frar 2025.

(3) Fil-5 ta' Frar 2025, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet li l-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-EUMA jiġi estiż mill-20 ta' Frar 2025 sad-19 ta' Frar 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Markus RITTER bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) huwa estiż mill-20 ta' Frar 2025 sad-19 ta' Frar 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

([1]) ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/162/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/604 tat-13 ta' Frar 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) (EUMA/1/2024) (ĠU L, 2024/604, 16.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/604/oj).